MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 832/2011

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
Vs
Jean Claude Hili, iben Marco, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Jannar, 1995, Karta ta’ l-Identita numru 14795(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b’diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, kiser l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, li kienu magħmula b’risoluzzjoni waħda, u cioe’:
1. talli fix-xahar ta’ Mejju, 2011 waqt li kien fir-residenza li ġġib l-isem ‘Lourdes’ sitwata fi Triq Bormla, Raħal Ġdid u f’dawn il-Gżejjer ikkometta serq ta’ mobile tal-għamla Iphone 4 tal-valur ta’ madwar €650 u ċavetta tal-bieb ta’ barra ta’ l-istess residenza u dan għad-dannu ta’ Kristof Scicliuna minn Raħal Ġdid liema serq hu

aggravat bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, bil-persuna, bil-lok u bil-ħin;
2. talli fis-16 ta’ Ġunju, 2011 għal ħabta tat-8.30 a.m. u f’xi ħin qabel, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq laptop tal-marka ‘Dell’ tal-valur ta’ madwar €800 mill-fond ‘Lourdes’ sitwata fi Triq Bormla, Raħal Ġdid liema reat ta’ serq u sgass ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 għa-dannu ta’ Kristof Scicluna minn Raħal Ġdid.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Diċembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(a), 280(1) u 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u l-eta’ ta’ l-imputat. Ma tikkundannhx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Probation kontra l-imputat għal perjodu ta’ tlett snin li jibdew jiddekorru mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------